# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. Nru. 243/01GV**

**F. E. Sullivan & Co Ltd**

**vs**

**Akhtar Ahmir A. bhala kaptan tal-bastiment "NEPTUNE IV"**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' F. E. Sullivan & Co Ltd hija kreditrici tal-bastiment "Neptune IV" fl-ammont ta' Lm6,513.33 (sitt elef hames mija u tlettax il-lira Maltin u tlieta u tletin centezmi);

Premess illi dan il-kreditu huwa dovut rigward konsenja ta' makkinarju ghal-bastiment, provisti u servizzi ohra moghtija lil-bastiment mis-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjeta' attrici talbet lis-sidien tal-bastiment diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut u minkejja dan huma baqghu inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert,

likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef hames mija u tlettax il-lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm6,513.33);

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Impediment u Mandat ta’ Qbid datati 7 ta’ Frar, 2001 u bl-imghax relatat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Charlotte Ellul Sullivan;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**